**Brussell, 3 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**13051/1/22**
**REV 1**

**SOC 535**
**EMPL 368**
**ECOFIN 950**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Messaġġi ewlenin mir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Introjtu Minimu<br>- Approvazzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-messaġġi ewlenin mir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Introjtu Minimu, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2022.

Ir-Rapport sħiħ jinsab fid-dokument 13051/22 ADD 1.

Il-Profili tal-Pajjiżi annessi ma' dan ir-rapport jinsabu fid-dokumenti 13051/22 ADD 2-4.

***Messaġġi Ewlenin mir-Rapport Konġunt tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Introjtu Minimu***

## MESSAĠĠI EWLENIN

**Il-Prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** ([1]) jirrigwarda d-dritt għal introjtu minimu (MI) u jenfasizza li *"Kull min m'għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji ta' introjtu minimu adegwati li jiżguraw ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol".* L-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jiżguraw il-protezzjoni tal-introjtu minimu. L-UE tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni soċjali, inkluż skemi ta' introjtu minimu adegwati fl-istadji kollha tal-ħajja. Fl-istess ħin, għandu jiġi enfasizzat li s-sistemi tal-Istati Membri jvarjaw b'mod konsiderevoli, skont iċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi tagħhom, kif ukoll l-isfond storiku.

Fl-2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ([2]) rriflettа fuq l-importanza li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-introjtu minimu u rrikonoxxa li l-protezzjoni tal-introjtu minimu, akkumpanjata minn servizzi ta' attivazzjoni u inklużjoni soċjali, għandha rwol vitali fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex iħejju "*perjodikament rapport konġunt biex jiġi analizzat u rieżaminat il-progress miksub fl-iżvilupp tal-protezzjoni tal-introjtu minimu fl-Istati Membri, li jibni fuq il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva għall-protezzjoni tal-introjtu minimu stabbilit fil-livell tal-UE.*" Ir-rapport tħejja matul-l-2022 u jenfasizza l-punti li ġejjin.

---

1 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26.4.2017 dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, C(2017) 2600 final (mhux disponibbli bil-Malti).

2 Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2020), Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtu minimu għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali matul il-pandemija tal-COVID-19 u lil hinn minnha (https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11721-2020-REV-2/mt/pdf).

1. **L-iskemi ta' introjtu minimu huma skemi mhux kontributorji u ttestjati skont il-mezzi,** li jipprovdu xibka ta' sikurezza tal-aħħar istanza għal persuni li ma għandhomx biżżejjed mezzi biex jiżguraw ħajja dinjituża. Skemi effettivi ta' introjtu minimu mhumiex biss dwar l-adegwatezza tal-benefiċċji, iżda jinkludu wkoll it-twettiq ta' politiki inklużivi tas-suq tax-xogħol (LM) u l-aċċess għal servizzi ta' inklużjoni soċjali ta' kwalità għolja. Bi tfassil u integrazzjoni effiċjenti tat-tliet elementi msemmija, dawn jipprovdu punt ta' tluq għall-attivazzjoni u l-inklużjoni soċjali. L-iskemi ta' introjtu minimu huma parti mis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali u għandhom rwol importanti fit-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-faqar, l-esklużjoni soċjali, l-inugwaljanza u l-insigurtà soċjali. Biex jiġi vvalutat introjtu adegwat għal dawk li ma għandhomx riżorsi suffiċjenti, wieħed jeħtieġ ukoll li jikkuntestwalizza l-benefiċċji tal-introjtu minimu ma' diversi settijiet ta' sorsi ta' introjtu disponibbli komplementari (inkluż benefiċċji oħra u introjtu mix-xogħol).

2. **Filwaqt li l-faqar u l-esklużjoni soċjali naqsu matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-kisba tal-mira tal-UE ta' tnaqqis ta' mill-inqas 15-il miljun persuna fir-riskju tal-faqar (AROP) jew l-esklużjoni soċjali fl-UE sal-2030 ser teħtieġ aktar sforzi.** Id-diversi megatendenzi involuti – bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-iżviluppi demografiċi jew il-polarizzazzjoni dejjem tikber fis-suq tax-xogħol jistgħu joħolqu riskji ulterjuri għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, u b'hekk jagħmlu wkoll pressjoni fuq it-tfassil tal-iskemi ta' introjtu minimu biex jiġi żgurat li kulħadd ikun protett. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ir-rwol ewlieni tagħhom fir-rigward tal-kapaċità u l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali biex ilaħħqu mal-iskossi ekonomiċi.

3. **Matul dawn l-aħħar għaxar snin, l-introjtu tal-familji kważi mingħajr impjieg kien għadu lura meta mqabbel mat-titjib ġenerali fl-introjtu, filwaqt li kien hemm progress f'xi dimensjonijiet mhux monetarji.** Ir-riskju tal-faqar fost il-familji kważi mingħajr impjieg żdied fi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri mill-2008 'l hawn, f'kuntest fejn l-ispariġġ tar-riskju tal-faqar baqa' ġeneralment kostanti u l-impatt tat-trasferimenti fuq il-faqar naqas bi ftit. Madankollu, il-kopertura tal-appoġġ għall-introjtu żdiedet b'mod moderat. Mil-lat pożittiv, id-deprivazzjoni materjali u soċjali (MSD) naqset, flimkien mal-lakuni fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għal eżami mediku jew il-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni. Għall-biċċa l-kbira ta' dawn id-dimensjonijiet, ġiet osservata xi konverġenza bejn l-Istati Membri matul l-aħħar għaxar snin.

4. **Il-pajjiżi b'kopertura ogħla (rati ta' persuni li jirċievu benefiċċji) ġeneralment juru wkoll livell aktar baxx ta' faqar (spariġġ tar-riskju tal-faqar). Il-pajjiżi b'kopertura ogħla għandhom ukoll benefiċċji aktar adegwati. Filwaqt li fatturi oħra wkoll għandhom impatt, dan** jissottolinja l-importanza tal-aċċess għall-benefiċċji tal-introjtu minimu biex jiġi indirizzat il-faqar, f'konformità mal-approċċ tal-Inklużjoni Attiva u huwa relatat b'mod ċar mal-impatt tar-regoli ta' eliġibbiltà fuq il-kopertura tal-benefiċċji tal-introjtu minimu u l-livell tal-użu reali tal-benefiċċji.

5. **Filwaqt li fl-Istati Membri kollha hemm skemi ta' introjtu minimu fis-seħħ, l-adegwatezza tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli, u tvarja bejn madwar 20 % u 100 % tal-livell limitu tal-faqar.** L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu ([3]) baqgħet kważi l-istess bħala medja fl-UE f'dawn l-aħħar għaxar snin (minkejja titjib żgħir f'dawn l-aħħar snin). Ġiet osservata xi konverġenza, b'mod partikolari minħabba skemi ġodda introdotti f'xi Stati Membri kif ukoll riformi fi Stati Membri oħra bil-għan li jitjiebu l-iskemi eżistenti. Min-naħa l-oħra, mill-2009 'l hawn seħħ xi deterjorament sinifikanti f'termini ta' adegwatezza (bħal tnaqqis b'mill-inqas 10 punti perċentwali jew p.p.) f'xi Stati Membri fejn ir-rati, bħala medja, kienu taħt dawk tal-UE.

6. **L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu tvarja skont it-tipi ta' familji** u ġeneralment tkun ogħla għal familji b'ġenitur wieħed b'wild wieħed jew koppji b'żewġt itfal milli għal persuni mhux miżżewġin. Dan jirrifletti wkoll l-impatt ta' benefiċċji oħra, bħall-benefiċċji tat-tfal li jkopru l-ispejjeż żejda tat-trobbija tat-tfal. Skont it-tfassil tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, għadd ta' benefiċċji addizzjonali huma ġeneralment assoċjati mar-riċeviment ta' benefiċċji ta' introjtu minimu. Xi wħud minnhom jirrappreżentaw aktar appoġġ monetarju, iżda oħrajn jingħataw in natura u d-disponibbiltà tagħhom jeħtieġ li titqies meta tiġi vvalutata l-effettività tas-sistemi nazzjonali individwali biex jevitaw li persuni jispiċċaw foqra.

[3] Kif imkejla mill-introjtu ġenerali disponibbli għall-benefiċjarji tal-introjtu minimu, inkluż il-benefiċċji tal-introjtu minimu u l-benefiċċji komplementari disponibbli.

7. **L-aċċess għall-introjtu minimu jiddependi minn diversi kriterji ta' eliġibbiltà**, b'mod partikolari l-età, ir-residenza, l-introjtu u l-assi u mill-fatt li jkunu ġew eżawriti d-drittijiet għal benefiċċji oħra. Fost dawn, l-ittestjar tal-mezzi fil-livell tal-familji jintuża bħala għodda primarja biex jiġu identifikati dawk li huma eliġibbli għall-appoġġ tal-introjtu minimu. It-tfassil tal-ittestjar tal-mezzi u kondizzjonijiet oħra ta' eliġibbiltà - b'mod partikolari l-età u r-residenza - ivarja fost id-diversi skemi, u potenzjalment jaffettwa b'mod sproporzjonat l-aċċess għall-appoġġ għall-introjtu għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni.

8. **Ġeneralment, l-għoti tal-benefiċċji jiddependi minn konformità ma' ċerti rekwiżiti ta' attivazzjoni**, bħar-reġistrazzjoni fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES), il-parteċipazzjoni fi programmi attivi tas-suq tax-xogħol (inkluż xogħlijiet pubbliċi jew komunitarji) u tiftix ta' impjieg b'mod attiv. Filwaqt li tali rekwiżiti jistgħu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-benefiċjarji fis-suq tax-xogħol, rekwiżiti u sanzjonijiet eċċessivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità jew proċeduri ta' għoti li jkunu peżanti jistgħu jiskoraġġixxu lill-benefiċjarji potenzjali milli japplikaw għall-iskemi. Il-ġustizzja fl-infurzar tas-sanzjonijiet, tirrikjedi li jkunu disponibbli u aċċessibbli appoġġ adegwat u servizzi abilitanti.

9. **Diversi gruppi soċjoekonomiċi jibbenefikaw mill-iskemi** u jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi, bħal persuni b'livell baxx ta' ħiliet jew persuni li jbatu minn diversi forom ta' esklużjoni soċjali. Gruppi oħra jbatu minn riskji ogħla ta' aċċess baxx fil-pajjiżi kollha, bħaż-żgħażagħ, il-persuni li jgħixu waħedhom, il-ġenituri singli, il-migranti, ir-Rom u l-persuni mingħajr dar.

10. **Filwaqt li l-monitoraġġ sistematiku tan-nuqqas ta' użu tal-iskemi ta' introjtu minimu jidher li huwa sporadiku fl-Istati Membri kollha, l-istimi disponibbli f'xi Stati Membri[4] juru li n-nuqqas ta' użu tal-iskemi ta' introjtu minimu huwa għoli, u jirrappreżenta madwar 30 % sa 50 % tal-popolazzjoni eliġibbli.** Dan jista' jiġi spjegat minn diversi fatturi, bħal informazzjoni limitata, perċezzjoni tal-istigma, kriterji stretti ta' eliġibbiltà u b'mod partikolari l-kumplessità tal-proċeduri amministrattivi marbuta mal-kondizzjonijiet meħtieġa għar-riċeviment ta' benefiċċju.

---

4 Abbażi tad-data tal-istħarriġ u l-mikrosimulazzjoni.

11. **Il-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija element importanti tal-iskemi ta' introjtu minimu.** Ir-rekwiżiti ta' attivazzjoni huma ġeneralment ikkombinati ma' inċentivi monetarji biex jiġi żgurat li x-xogħol ikun finanzjarjament attraenti u li d-dispożizzjonijiet tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol (ALMPS) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol. L-istimi disponibbli jenfasizzaw li l-effett tal-inċentivi monetarji fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ġeneralment ma jkunx sinifikanti għall-benefiċjarji tal-introjtu minimu u li l-benefiċjarji spiss jiffaċċjaw ostakli oħra (bħal livell baxx ta' ħiliet, limitazzjonijiet tas-saħħa, nuqqas ta' aċċess għal servizzi abilitanti, diskriminazzjoni jew ostakli oħra tal-esklużjoni soċjali) li jista' jkollhom impatt akbar fuq l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. Madankollu, il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu fil-miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol tidher li hija baxxa u spiss limitata għal involviment f'attivitajiet ta' xogħol fil-komunità jew xogħol pubbliku.

12. **Il-valutazzjoni tal-impjegabbiltà tal-benefiċjarji ġeneralment titwettaq bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli ewlenin jew il-ħtiġijiet personali.** Filwaqt li dawn il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet normalment iwasslu għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni individwalizzati biex titwassal taħlita xierqa ta' servizzi soċjali u servizzi attivi tas-suq tax-xogħol, għad hemm lok għat-titjib ta' dawn il-prattiki biex jiġu riflessi aħjar il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji u tittejjeb il-koordinazzjoni fil-forniment ta' servizzi rilevanti.

13. **Il-governanza tal-iskemi ta' introjtu minimu turi diversi strutturi f'diversi livelli,** skont il-mod kif l-iskemi ta' introjtu minimu jiġu inkorporati fit-tfassil tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirregolaw l-iskemi ta' introjtu minimu fil-livell nazzjonali, filwaqt li s-servizzi huma organizzati fil-livell lokali. Hemm varjazzjoni wiesgħa fir-rigward tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet fost id-diversi livelli u korpi fejn jidħlu l-finanzjament u l-implimentazzjoni. Il-koordinazzjoni ma' korpi li joffru benefiċċji u servizzi komplementari oħra tidher ukoll li tippreżenta sfida f'ħafna każijiet. .

14. **Ftit aktar minn nofs l-Istati Membri għandhom mekkaniżmi ta' monitoraġġ regolari fis-seħħ, filwaqt li f'oħrajn tali prattiki għad iridu jiġu stabbiliti.** L-isfidi ewlenin jidhru li huma relatati ma' kooperazzjoni insuffiċjenti bejn entitajiet differenti, li spiss tiġi aggravata minn ostakli legali u tekniċi għall-ġestjoni tad-data. Id-data normalment tinġabar għall-fini tal-għoti tal-benefiċċji, iżda, din l-informazzjoni ma tiddaħħalx f'sistema ta' monitoraġġ biex tipprovdi input għall-evalwazzjoni regolari tal-iskemi u feedback għall-iżvilupp tal-politika. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġu żgurati monitoraġġ u evalwazzjoni robusti tal-oqfsa ta' governanza (b'data u indikaturi statistiċi ta' kwalità għolja), filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

**Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) iqis li ser ikunu meħtieġa aktar sforzi biex jiġi implimentat il-prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'koordinazzjoni ma' prinċipji rilevanti oħra.** B'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-UE għandha tkompli tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati skemi ta' introjtu minimu adegwati, anke flimkien mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.

**Il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva dwar l-introjtu minimu pprovda bażi siewja għall-elaborazzjoni ta' dan ir-rapport**. Ikun utli li dan jiġi aġġornat regolarment b'kont meħud tal-interazzjonijiet ma' benefiċċji oħra u li jiġu rieżaminati oqsma potenzjali għal aktar espansjoni f'dimensjonijiet differenti (bħall-kriterji ta' eliġibbiltà, l-aċċess għas-servizzi u t-tranżizzjonijiet u l-inċentivi tas-suq tax-xogħol).

**L-iskemi ta' introjtu minimu jirrikjedu monitoraġġ u analiżi kontinwi**, b'mod partikolari minħabba l-bidliet u l-iżviluppi fil-kuntest soċjoekonomiku (l-impatt tal-pandemija u tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali). F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-fondi tal-UE (bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) u l-iskemi ta' introjtu minimu għandhom jibqgħu jingħataw attenzjoni partikolari fis-Semestru Ewropew. Il-KPS u l-Kummissjoni għandhom perjodikament iħejju rapport konġunt biex jiġi analizzat u rieżaminat il-progress miksub fl-iżvilupp tal-protezzjoni tal-introjtu minimu fl-Istati Membri, abbażi tal-qafas ta' valutazzjoni komparattiva għall-protezzjoni tal-introjtu minimu, stabbilit fil-livell tal-UE u input ulterjuri mill-Istati Membri.